MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Numru. 451/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Lewis Stellini bin Anthony u Maria nee' Grech, imwieled fit-8 ta' Lulju, 1972 u residenti fil-fond Maria Bambina,**
**Triq it-Tlettax ta' Dicembru, Kercem, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 16972(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Lewis Stellini li gie akkuzat talli nhar it-03.06.2009 ghall-habta ta' 09:36hrs fi Triq San Lawrenz, San Lawrenz, Ghawdex kien qed isuq trakk bin-numru tar-registrazzjoni GUH 517

li kien mghobbi taghbija tafal li ma kinitx maqfula tajjeb u mghotti kif imiss sabiex jigi prevenut li xi parti minnha taqa' fit-triq jew mod iehor li tipprerikola s-sigurta tat-traffiku jew tal-persuni;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 64 u 65 tal-Avviz Legali 146 tal-2003 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah riprensjoni u ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------